MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 108/2003

**Suzanne Bridget Bonello**

**Vs**

**Anthony Montebello**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilisitku li sehh fit-7 ta' Jannar, 2003 ghal habta tal-10:40a.m. fi Triq San Tumas, Luqa, sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragni, b'imprudenza u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku hareg mill-karreggjata tieghu u b'velocita qawwija dahal fin-naha tal-attrici b'mod li bil-vettura tieghu tal-marka Mitsubishi Pajero numru ta' registrazzjoni FBN-078 dahal fil-vettura tal-mittenti tal-marka Volkswagen Golf numru ta' registrazzjoni "MAX-197" u b'hekk ikkawzalha danni li ma jeccedux l-ammont ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) jigi kkunannat ihallas l-ammont likwidat

anke permezz ta’ periti nominandi rapprezantanti d-danni kkagunati fl-incident imsemmi. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta’ Jannar, 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tal-ittra ufficjali, sad-data tal-eventwali hlas ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 32 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi huwa ma huwiex responsabbli ghall-hsarat lamentati mill-attrici u dan ukoll ghaliex l-incident mertu tal-kawza sehh unikament tort tat-traskuragni, mperizja u/jew nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti da parti ta’ l-istess attrici.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-attrici ghandha tipprova l-konsistenza tad-danni reklamati;
3. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
5. Illi stante li l-eccipjent stess soffra danni kagun tal-agir tal-attrici, qieghed bil-prezenti jirriserva kull azzjoni lilu spettanti ghal danni jew risarciment mod iehor skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PC 480 Carmel Diacono</u>, li, filfatt, kien investiga l-incident stradali in esami, oltre li esebixxa kopja tal-<u>iskizz</u> u tar-<u>rapport</u> in rigward l-istess incident (ara fol 106 u fol 107 ibid) spjega, fuq ix-xhieda tieghu li l-istess skizz, li hu skalat, juri il-posizzjoni ezatta ta’ kif spiccaw il-vettura meta hu kien mar fuq il-post tal-incident u li ma setax jiddetermina l-“spot of impact” bejn iz-zewg vetturi involuti minhabba n-nuqqas ta’ “debris” fuq it-triq. Fuq l-istess skizz, hemm murija l-istess vetturi dik misjuqa mill-attrici bin-numru MAX 197 u tal-marka “Volkswagen Golf” waqt li

l-ohra misjuqa mill-konvenut tal-marka "Pajero" numru FBN 078. Fuq l-istess skizz ghandu jigi notat li fil-parti tat-triq fejn sehhet il-habta it-triq involuta ghandha karreggjata fuq kull naha b'wahda tmur fid-direzzjoni ta' Hal Luqa u l-ohra fid-direzzjoni opposta lejn Hal Qormi. Inoltre, minn, fejn sehh u gara dan l-incident hemm linja bajda kontinwa li tidjieq sakemm tasal ghal linji bojod interrotti. Fuq l-istess skizz, ma hemm ebda evidenza ta' marki ta' "brakes" u l-konvenut meta xehed (fol 116 ibid) immarka, b'biro bl-inka sewda fejn skond hu kien gara l-"spot of impact". Jigi notat li l-konvenut esebixxa skizz "rough" (ara fol 118 ibid) maghmul minnu stess li hu akkwantu differenti minn dak maghmul mill-pulizija u li filfatt, ma jaqbilx in rigward l-spot of impact" ma dak li hu stess indika fuq l-iskizz tal-pulizija. Dwar dan jinghad ukoll li meta l-konvenut xehed hu kien qabel mal-iskizz maghmul mill-Pulizja (ara fol 116 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 10 u fol 127 ibid) spjegat li waqt li kienet qed issuq fuq it-triq involuta ma kien hemm ebda vettura ohra, la warajha la ma genbha. Fuq il-karreggjata tan-naha l-ohra, hi kienet rat zewg vetturi ohra li kienu qed jinsaqu fid-direzzjoni opposta ghaliha. F'daqqa wahda, hi rat il-vettura misjuqa mill-konvenut b'velocita qawwija ".. tipprova taqbes dawk iz-zewg vetturi li kienu mexjin quddiemha. Peress illi ma setghetx taqbes l-vetturi l-ohra u peress li kien hemm vetturi ohra warajha, ma setax jidhol fil-"lane" tieghu u ghalhekk qabes ghal fuq il-"lane" tieghi u baqa diehel fuqi". Bhala konsegwenza gew kagunati hsarat konsiderevoli fuq il-vettura taghha u li kienu jinvolvu principalment il-genb tal-lemin tal-vettura taghha kif ukoll l-"axle". Fix-xhieda taghha, hi semmiet li fuq il-post tal-incident, il-konvenut kien ammetta, anke quddiem il-Pulizija msemmi, li dan l-incident kien tort tieghu. Dan, pero' ma jirrisultax li mix-xhieda tal-pulizija msemmi lanqas mir-rapport esebit in atti (ara fol 108 ibid). In kontroesami hi kompliet issostni li, fil-hin tal-incident, kienet "on the proper side of the road" qabel ma din titwessa u ssir triq b'zewg karreggjati fuq kull naha u qabel ma tidhol f'liwja li hemm fit-triq. Fl-ahhar nett, hi regghet

tenniet li "Meta (l-iehor) kien qieghed jaghmel din il-manuvra (hu) gie fuq il-'lane tieghi … qabes is-'centre strip' u gie fuq in-naha l-ohra tat-triq.

Illi, skond kif verbalizzat fir-rapport tal-Pulizija (a fol 108) ibid, l-attrici kienet stqarret "a caldo" li "… rajt vettura, li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, taqbes is-sinjali bojod, giet fuq il-line' (cjoe 'lane') tieghu u baqa' diehel fil-genb tal-vettura tieghi".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 116 ibid) ikkonferma, fix-xhieda tieghu li "kien hemm xi karrozzi bil-mod qed naqbishom" u "Jiena mort biex naqla' dawn it-tnejn (2) li kienu miexjin bil-mod u kif ghamilt hekk sibt lill-attrici go wicci", liema attrici kienet, bhalu, fuq il-linji wiesghin kif murija fuq l-iskizz. Hu semma ukoll illi kien qed jsuq b'velocita ta' madwar 30/40 kilometru fis-siegha. In rigward il-hsara, din kienet kawzata "fuq ir-rota tal-lemin ta'quddiem".

Ikkunsidrat

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan il-kaz hu wiehed li ghandu jigi deciz fuq il-kwezit dwar minn miz-zewg sewwieqa involuti kien "on the wrong side of the road" meta grat il-habta. Mill-valutazzjoni u analisi tal-provi, jista' jgi konkluz fuq basi ta' probabilita kbira, illi l-konvenut kien qed jissorpassa zewg vetturi fuq dik il-parti tat-triq fejn hemm karreggjata wahda. Dan il-fatt jindika illi waqt li kien qed jesegwixxi din il-manuvra ta' sorpass, spicca billi saq il-vettura tieghu, anke jekk mhux ghal kollox, fuq "the wrong side of the road".

Filfatt, fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-manuvra giet esegwita, ghalhekk, b'mod traskurat, da parti tal-konvenut, li ma weriex id-debita attenzjoni sabiex jaccerta ruhu li ma jaqbisx il-linja bajda kontinwa u doppja gja msemmija u li ma kienx gej traffiku iehor mid-direzzjoni opposta.

In rigward l-attrici, ma irrisulta xejn sabiex jindika li hi kienet b'xi mod traskurata fis-sewqan taghha anke fuq livell ta' kontributorjeta.
Ikkunsidrat

Illi, in rigward id-danni mitluba mill-attrici, hi xehdet (fol 10 ibid) li dawn kienu jammontaw ghal Lm2148.55,0. Sabiex tissostanzja din il-figura, hi esebit d-dokumenti relattivi li jinsabu a fol 12 sa fol 23 ibid kif ukoll esebit ritratti bil-kulur tal-istess hsarat (fol 24 sa fol 26 ibid). Inoltre hi pproduciet diversi xhieda anke bil-procedura ta' "affidavit" in konferma tal-istess dokumenti cjoe "Marlene Vella (fol 50 ibid), Emanuel Castagna (fol 62 ibid), Peter Caruana (fol 75 ibid), Joseph Scicluna (fol 94) u Natalino Agius, is-'surveyor inkarigat mis-socjeta assikuratrici tal-konvenut (fol 96 ibid).

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, l-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut ghandhom jigu respinti waqt li jigu akkolti t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:
1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident stradali in esami minhabba sewqan bi traskurangi, b'imprudenza, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm2148.55,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm2148.55,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Frar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Jannar 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------